## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR COLIN SHELDON) V. CHRISTIAN CALLEJA (KI. 174687M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**2 ta' Awwissu 2023**

IL-QORTI,

rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra Christian Calleja ta' 36 sena, iben Emanuel u Giorgina nee' Zahra, imwieled l-Pieta' fis-7 ta' April 1987 u li ddikjara li jirrisjedi ġewwa l-fond 2, Mistique, Triq Gorg Mitrovich, Mosta bil-karta tal-identita' numru 174687M ("l-imputat") li ġie ppreżentat taħt arrest quddiemha illum stess mixli illi:

**U nakkużah talli** nhar is-26 ta' Lulju 2023, u fil-granet ta' qabel gewwa l-Mosta u f'dawn il-gżejjer:

1. Gibt ruhek b'tali mod li tajt fastidju lil ex mara tieghek [redacted] jew gibt ruhek b'mod li kont taf jew missek kont taf li dan kien ta fastidju ghaliha, u dan bi ksur tal-Artikoli 251 A(1)(a)(b) tal-Kap 9. tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi bl-imġieba tieghek ikkaġunajt lil ex mara tieghek [redacted] biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet, u dan bi ksur tal-Artikoli 251B, 251H, 251HA, 222(1) u 202 tal-Kap 9. tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi kkaġunajt lil ex mara tieghek u ċioè [redacted] biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1), u dan bi ksur tal-Artikoli 251(3) u 251 H (a)(c) tal-Kap 9. tal-

4. Għamilt inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil [redacted] jew, jekk kont ipprovokat, inġurjajt b'mod li ħrigt barra mil-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Ħebbejt sabiex tinġurja, iddejjaq jew tagħmel ħsara lil [redacted] jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi u dan bi ksur tal-Artikolu 339 1 (d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet b'xi mod mhux imsemmijja band' oħra fil-Kodici Kriminali u dan ai termini tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' [redacted] u l-familjari taghha billi jiġu applikati l-provedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba illi f'każ ta' ħtija, jiġu applikati l-provedimenti tal-Artikoli 382A u 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba toħroġ ordni ta' trattament li tkun teħtieġ li persuna taċċetta li jsirilha trattament bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Qorti jista' jidhrilha adatti li tniżżel fl-ordni u dan hekk kif stabbilit fl-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

wara li rat li waqt is-seduta tal-lum meta sar l-eżami tal-imputat bla theddid, bla tweghid u bla ġurament ai termini tal-Art. 370(4), 390(1) u l-Art. 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk għandux oġġezzjoni illi l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja u wara li l-Qorti tagħtu żmien xieraq sabiex iwieġeb għal din il-mistoqsija, l-imputat wieġeb li m'għandu l-ebda oġġezzjoni f'dan ir-rigward,

wara li rat illi l-Avukat Ġenerali tat il-kunsens tagħha sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja,

wara li rat illi fl-istess seduta, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk jixtieqx iwieġeb dwar il-ħtija o meno tiegħu, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih,

wara li rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputat jikkonsulta l-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha,

wara li rat li meta reġgħet issejħet il-kawża  l-imputat reġa wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

wara li semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena,

qed tagħti din is-

## Sentenza

**Fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija l-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi ossia l-Art. 251A(1)(a) u (b), l-Art. 251B, 251H, 251HA, 222(1), 202, 251(3), 251H(a) u (c), 339(e), 339(1)(d) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih, iżda minflok timponi piena karċerarja qegħda tpoġġi lill-imputat taħt ordni ta' *probation* u ordni ta' trattament taħt l-Art. 7(5) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' tlett (3) snin taħt il-kundizzjonijet elenkati fid-digrieti relattivi. Inoltre l-Qorti toħroġ ordni ta' trażżin fil-konfront tal-imputat a favur il-persuni protetti msemmija fl-istess ordni għal perjodu ta' tlett (3) snin taħt dawk il-kundizzjonijiet elenkati fl-istess ordni. Ġie spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk huwa jikser xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-ordnijiet fuq imsemmija. Il-Qorti tordna illi l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |